**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 12 ta' Dicembru 2018**

**Talba Nru: 305/18 CZ**

**Multi Packaging Limited**

**vs.**

**Nolan Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fid-9 ta' Lulju 2018 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' elf, disa' mija u sitta u hamsin Euro u sbatax-il centezmu (€1,956.17), wara li premettiet:

Illi l-konvenut kien impjegat ma' l-attrici, izda l-impjieg tieghu gie terminat b'effett mit-18 ta' Dicembru 2017.

Illi l-attrici, bi zball, baqghet thallas lill-konvenut is-salarju tieghu ghal xi zmien, u l-konvenut thallas tali salarju minghand l-attrici indebitament.

Illi l-attrici ghalhekk hallset indebitament lill-konvenut is-somma ta' elf, disa' mija u sitta u hamsin Euro u sbatax-il centezmu (€1,956.17).

Illi l-konvenut baqa' inadempjenti minkejja li l-attrici interpellatu debitament sabiex ihallas.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dan ir-rispettabbli Tribunal m'ghandux jikkundannah ihallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' elf, disa' mija u sitta u hamsin Euro u sbatax-il centezmu (€1,956.17), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkuzi dawk ta' l-ittra ufficcjali bin-numru 1205/2018, kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta ta' l-10 ta' Dicembru 2018.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf, disa' mija u sitta u hamsin Euro u sbatax-il centezmu (€1,956.17) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet kif mitluba, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur